# NEWSHEET TAL-GĦAQDIET KATTOLIĊI

Segretarjat għall-Apostolat tal-Lajċi



IL-KURJA, KAXXA POSTALI 1, TRIQ IR-REPUBBLIKA, VICTORIA, VCT 1000, GĦAWDEX, MALTA.
TEL: (00356) 2155 6661 - (00356) 2155 6427 - (00356) 2155 1211 FAX: (00356) 2155 1278
WEBSITE: www.gozodiocese.org E-MAIL: gozocuria@onvol.net khili@gozodiocese.org



**Nru. 443.** **NOVEMBRU2013**


JUM IL-QDUSIJA UNIVERSALI – IL-Ġimgħa 1 TA' NOVEMBRU 2013

MOTTO: " ĠESÙ QED ISEJJAĦLEK GĦALL-QDUSIJA "

Jum il-Qdusija Universali jiġi ċċelebrat ta' kull sena mill-Moviment "Pro Sanctitate".

Fl-ewwel ta' Novembru, jum il-Qaddisin Kollha, jinżamm Jum il-Qduisja Universali. Dan ilu jinżamm sa mill-1957 u beda ġewwa Ruma minn Mons Guglielmo Giaquinta, fundatur tal-Moviment Pro Sanctitate.

**It-Tema** għal Jum il-Qdusija Universali ta' din is-sena hi: *"ĠESÙ QED ISEJJAĦLEK GĦALL-QDUSIJA".* Din it-tema hija minnha nnifisha stedina għall-ferħ. Il-qdusija hija ferħ fil-Mulej Ġesù. Hija dik li tagħti sens l-ħajja tagħna. Ġesu jagħmel din is-sejħa għall-qdusija għax huwa l-Qaddis ta' Alla, u għax iħobbna jridna nkunu qaddisin bħalu. Din l-imħabba u l-fiduċja li Alla qed juri magħna, tistenna li jkun hemm risposta ġeneruża min-naħa tagħna. Din ir-risposta trid tidher kuljum fil-ħajja ta' kull wieħed u waħda skont il-kundizzjonijiet u ċ-ċirkustanzi li nkun ninsabu fihom.

Xi drabi l-għaġġla, is-superfiċjalità, in-nuqqas ta' attenzjoni, ma jħalluniex nuggustaw il-ferħ li aħna għandna sejħa personali minn Alla. Forsi xi drabi nippreferu nkunu minsija biex ma noqogħdu nħabblu rasna xejn u ninkwetaw f'qalbna. Iżda mill-banda l-oħra kemm ikollu esperjenza ta' iżolament u diżorjentament min ma' jħossx jew ma' jridx li jkun imsejjaħ. Meta wieħed iħoss li huwa msejjaħ minn Ġesù, allura jħoss ukoll li Ġesù qed idaħħlu f'mixja miegħu u jikber fil-fidi. Meta wieħed jipprova jgħix bl-onestà u t-tjubija, diġà hija xi ħaġa kbira. Iżda dan mhux biżżejjed. Ġesù dejjem isejjaħ għal xi ħaġa iktar; irid li jkollna l-esperjenza li qed nibnu Knisja u dinja ta' mħabba.

Il-Moviment pro Sanctitate jorganizza din il-ġurnata biex NIFHMU U NIGGUSTAW il-ferħ li aħna msejħin personalment u ma hemm ħadd li jibqa' barra mill-imħabba ta' Alla, u għalhekk kulħadd jista' jasal għall-qdusija.

## VIŻTA PASTORALI

Parroċċa Santa Margerita, Ta' Sannat: 27 ta' Ottubru – 23 ta' Novembru 2013
Parroċċa Santa Marija, Iż-Żebbug: 24 ta' Novembru – 14 ta' Diċembru

Niltaqgħu mal-imħabba ta' Alla

## ĊELEBRAZZJONI DJOĊESANA TA' KRISTU RE

**Tfal tad-Duttrina (Yr4-Griżma)**: **Il-Ħamis 21 ta' Novembru** fil-5.00pm (Quddiesa fl-Istitut tal-Familja Ġwanni Pawlu II)
**Adolexxenti u Żgħażagħ**: Rock Concert mill-Band Footprints: **Il-Ġimgħa 22 ta' Novembru fis-7.30pm** (Oratorju Don Bosco)
**Ċelebrazzjoni Djoċesana**: Quddiesa**: Il-Ħadd 24 ta' Novembru** fl-4.30pm (Pjazza Santu Wistin). Kulħadd mistieden. Mistiedna speċjali t-tfal tal-Ewwel Tqarbina flimkien mal-ġenituri u l-katekisti tagħhom.

## JUM IL-KARITÀ FID-DJOĊESI

FIL-FESTA TA' KRISTU SULTAN FIL-KNEJJES KOLLHA SSIR IL-ĠABRA TAL-KARITÀ.
Inkunu ġenerużi mal-opri ta' karità li tmexxi l-Knisja f'Għawdex u f'Malta.

## ANNIVERSARJU TAL-ĦATRA TAL-ISQOF

It-Tlieta 26 ta' Novembru 2013 jaħbat it-tmin anniversarju mill-ħatra tal-Isqof Mario Grech. Nitolbu għalih.

## *DUN ĠORĠ – IL-MUSICAL*

(Oratorju Don Bosco)

F'għeluq is-Sena tal-Fidi, l-Oratorju Don Bosco se jtella' spettaklu live ta' mużika, kant u żfin dwar San Ġorġ Preca, it-tagħlim tiegħu u l-attwalità tiegħu għal żmienna. F'dan ix-xogħol oriġinali qed jieħu sehem cast ta' aktar minn 100 persuna. **Dun Ġorġ – Il-Musical** qed jittella' bil-kollaborazzjoni tas-Soċjetà tal-MUSEUM u huwa addattat għall-familja kollha. Il-booking huwa miftuħ kuljum mill-5.00pm 'il quddiem mill-Oratorju stess jew permezz tat-telefon (2155661 /99487751).

- Is-Sibt 9 ta' Novembru fis-7.30pm
- Is-Sibt 16 ta' Novembru fis-7.30pm
- Il-Ħadd 17 ta' Novembru fis-2.00pm

## Kalendarju Pastorali - NOVEMBRU 2013
## Numru 443

| | |
|---|---|
| 1.Il-Ġimgħa | Solennità tal-Qaddisin kollha. Messalin sena Ċ. Jum il-Qdusija Universali.<br>Bejn l-1 u t-8 ta' Novembru, min b'devozzjoni jżur iċ-ċimiterju jirbaħ l-Indulġenza Plenarja. Tintrebaħ dik parzjali, jekk iż-żjara ssir fil-ġranet l-oħra.<br>L-ewwel Ġimgħa tax-xahar. Adorazzjoni u Tqarbina Riparatriċi.<br>Laqgħa għal Persuni Separati (KDF - 8.00pm).<br>Adorazzjoni għall-koppji għarajjes u miżżewġin (Istitut tal-Familja Papa Ġwanni Pawlu II – 8.30-9.30pm).<br>Quddiesa għall-professjonisti (Knisja ta' Santu Wistin, Victoria - 8.30p.m.). Qabel ikun hemm il-qrar. |
| 2.Is-Sibt | Tifkira Solenni tal-Fidili Mejtin kollha. Għid tal-Imwiet. Messalin sena Ċ.<br>Lejl Adorazzjoni mill-Moviment Ewkaristiku (Knisja Ragħaj it-Tajjeb, Victoria - Quddies: 8.00pm u f'nofsillejl). |
| **3.Il-Ħadd** | Il-31 Ħadd ta' matul is-sena. Sena Ċ / Films għall-Familja (Oratorju – 5.30pm). |
| 4.It-Tnejn | San Karl Borromeo Isqof. Tifkira (O).<br>Il-147 Anniversarju mit-Twaqqif tas-Seminarju tal-Qalb ta' Ġesù.<br>Laqgħa għas-Saċerdoti (Seminarju - 4.00pm). Jiġi ppreżentat il-Pjan ta' Ħidma favur il-Vokazzjonijiet. |
| 5. It-Tlieta | Preparazzjoni MTŻ 2 (KDF San Ġorġ u Katidral - 6.30pm). |
| 6.L-Erbgħa | Laqgħa tal-Kulleġġ tal-Kappillani.<br>Preparazzjoni MTŻ 2 (KDF - 7.00pm). |
| 7.Il-Ħamis | Ġurnata Adorazzjoni Ewkaristika b'talb għall-Vokazzjonijiet (Seminarju: 7.00am-10.00pm) .<br>Laqgħa għall-Għalliema Yr. 4 (LV) / Preparazzjoni MTŻ 1 (KDF - 6.15pm).<br>Grupp ta' Talb Dun Mikiel Attard (Adorazzjoni: Kappella tas-Seminarju - 7.00-8.00p.m.). |
| 9. Is-Sibt | Dedikazzjoni tal-Bażilika tal-Lateran. Festa. Messalin Sena A.<br>Konċelebrazzjoni b'suffraġju tal-membri mejtin tas-Solidalità ta' San Filippu Neri (Katidral - 8.00am).<br>Musical "Dun Ġorġ" (Oratorju Don Bosco - 7.30pm).<br>Lejl Adorazzjoni mill-Moviment Ewkaristiku (Knisja Ta' Savina, Victoria - Quddies: 8.00pm u f'nofsillejl). |
| **10. Il-Ħadd** | It-32 Ħadd tas-sena- Messalin Sena Ċ. / Films għall-Familja (Oratorju - 5.30pm). |
| 10-15 | Irtir tas-saċerdoti (Dar Manresa, Victoria). |
| 11. It-Tnejn | San Martin ta' Tours, Isqof. Tifkira (O).<br>Laqgħa għaż-Żgħażagħ Għawdxin f'Malta (Università - 7.30pm). |
| 12. It-Tlieta | San Ġosofat, Isqof u Martri. Tifkira .<br>AKSK (LV) / Preparazzjoni MFF 3 (KDF - 6.30pm). |
| 13. L-Erbgħa | San Albertu l-Kbir, Isqof u Duttur tal-Knisja. Tifkira.<br>Laqgħa Nukleju Ċentral KDF (7.00pm) / Preparazzjoni MFF 2 (KDF - 8.00pm). |
| 14. Il-Ħamis | Laqgħa għall-Għalliema Yr. 5 (LV). |
| 15. Il-Ġimgħa | Laqgħa għal Persuni Separati (KDF - 8.00pm). |
| 16. Is-Sibt | Santa Ġertrude, Verġni, jew Santa Margerita tal-Iskozja. Tifkira.<br>Ċenaklu (Dar Ċentrali tal-AK - 4.30pm)./ Musical "Dun Ġorġ" (Oratorju Don Bosco - 7.30pm).<br>Lejl Adorazzjoni mill-Moviment Ewkaristiku (Parroċċa Xewkija - Quddies: 8.00pm u f'nofsillejl). |
| **17. Il-Ħadd** | It-33 Ħadd tas-sena. Messalin Sena Ċ.<br>Jum Dinji ta' Tifkira tal-Vittmi tat-Traffiku (ĠM) / Musical "Dun Ġorġ" (Oratorju Don Bosco - 2.30pm). |
| 18. It-Tnejn | Id-Dedikazzjoni tal-Bażilki ta' San Pietru u San Pawl appostli. Tifkira.<br>Laqgħa għas-Saċerdoti Żona A (Seminarju - 4.00pm). |
| 20. L-Erbgħa | Jum Universali tat-Tfal (ĠM) / KKSK (LV)./ Assemblea tal-Katekisti (Ċentru Ragħaj it-Tajjeb - 7.00pm). |
| 21. Il-Ħamis | Il-Preżentazzjoni tal-Verġni Mqaddsa Marija. Tifkira (O). / Jum il-Klawstrali.<br>Laqgħa għall-Għalliema Yr. 6 (LV).<br>Quddiesa għat-tfal tad-duttrina mir-4 sena sal-Griżma fl-okkażjoni ta' Kristu Re (Istitut Ġwanni Pawlu II - 5.00pm) |
| 22. Il-Ġimgħa | Santa Ċeċilja Verġni Martri. Tifkira (O).<br>Kunċert Mużikali għall-Adolexxenti u ż-Żgħażagħ minn *Footprints Rock Band* (Oratorju Don Bosco). |
| 23. Is-Sibt | Adorazzjoni għall-Persuni Kkonsagrati fil-Parroċċa tan-Nadur li tibda fis-6.30pm sat-8.30p.m.<br>Lejl Adorazzjoni mill-Moviment Ewkaristiku (Knisja Ta' Ħamet - Quddies: 8.00pm u f'nofsillejl). |
| **24. Il-Ħadd** | Solennità ta' Sidna Ġesù Kristu, Sultan tal-Ħolqien kollu. Messalin sena Ċ. Għeluq tas-Sena tal-Fidi.<br>Jum il-Karità. Ġabra Djoċesana fil-Knejjes.<br>Seminar KDF (Istitut tal-Familja Ġwanni Pawlu II).<br>Quddiesa djoċesana ta' Kristu Re (Pjazza Santu Wistin – 4.00pm). Kulħadd mistieden. |
| 25. It-Tnejn | Laqgħa għas-Saċerdoti Żona B (Għasri - 4.00pm).<br>Kunsill Pastorali (Ċentru Ragħaj it-Tajjeb - 7.30pm). |
| 26. It-Tlieta | It-8 Anniversarju mill-ħatra tal-Isqof Mario Grech bħala Isqof t'Għawdex. |
| 28. Il-Ħamis | Jum radd il-Ħajr għall-ġid tal-Ħolqien. |
| 29. Il-Ġimgħa | Laqgħa għal Persuni f'relazzjoni barra ż-żwieġ (KDF - 8.00pm) |
| 30. Is-Sibt | Sant'Andrija, Appostlu. Festa. // Nofstanhar ta' spiritwalità għas-saċerdoti (Ċentru Pastorali Ragħaj it-Tajjeb).<br>Lejl Adorazzjoni mill-Moviment Ewkaristiku (Knisja ta' San Franġisk, Victoria - Quddies: 8.00pm u f'nofsillejl). |